MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 376/2013

**General Maintenance Ltd.**

**vs**

**Dott. Martin Fenech nominat bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta l-interessi tal-Bastiment MY La Mima, u dan skond digriet tal-24 ta’ Jannar 2014**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn talbet li l-bastiment konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ erbat elef hames mija u tmienja u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€4588.15), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta’ attrici ghal xoghol ikkommissjonat u debitament esegwit fuq il-bastiment konvenut, import ta’ diversi fatturi li qatt ma gew ikkontestati, anzi gew imhallsa in parte.  L-istatements aggornati qed jigu annessi bhala Dok GM1 u Dok GM2 rispettivament.

Bl-ispejjez, inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mid-data ta' kull fattura relattiva kontra l-bastiment konvenut.

Rat ir-risposa ta' Dr. Martin Fenech nomine fejn espona:

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti.
2. Illi r-rikorrenti ghandu jiddikjara jekk jafx b'xi indirizz tal-bastiment jew fejn qieghed registrat.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Denise Camilleri, rapprezentanti tas-socjeta attrici, li ikkonfermat l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu dovut lis-socjeta attrici.

Fis-seduta tat-13 t'April, 2015, Dr. Martin Fenech, kuratur deputat tal-bastiment konvenut, ivverbalizza is-segwenti*: "Dr. Martin Fenech irriffera ghan-nota minnu ipprezentata fir-Registru fis-6 ta' Jannar 2015 a fol 39 tal-process li maghha kien hemm ittra mibghuta lil Sharma Marine Industries u ddikjara li sallum ma rcieva l-ebda risposta ghaliha. Ghaldaqstant Dr. Martin Fenech bhala kuratur deputat tal-bastiment konvenut iddikjara li l-bastiment konvenut m'ghandux provi."*

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mix-xhieda ta' Denise Camilleri, li ma giet bl-ebda mod kontradetta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna l-bastiment konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' erbat elef hames mija u tmienja u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€4588.15), bl-ispejjez, inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mid-data ta' kull fattura relattiva, kontra l-bastiment konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------